# KULLEĠĠ T'GĦAWDEX
## EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2011

**Il-Ħames Sena** | **STUDJU SOĊJALI** | **Ħin: Siegħa**

## Karta tal-Istudent/a

Isem u Kunjom: ___________________________

Klassi: ___________________________

## A. <u>Agħżel it-tweġiba t-tajba</u>



**eż** Min iħobb jagħti karita' ngħidulu (gustuż, <u>ġeneruż,</u> egoist)

1. Il-linja li taqsam id-dinja fi tnejn tissejjaħ (tropikali, ekwatur, faxxa).

2. Ir-riħ (majjistral, grigal, xlokk) iġibilna l-umdita' u r-ramel.

3. Tundra huwa deżert (kiesaħ, sħun, Awstraljan).

4. Malta tinsab 'il fuq mill-(faxxa tropikali, kontinenti, baħar Mediterran).

5. Meta jkollna pressjoni għolja jfisser li jkollna l-(maltemp, l-bnazzi, r- ramel).

6. Kif jgħaddi Ottubru f'Malta nibdew inħossu l-kesħa (tar-rebbiegħa, tas-sajf, tal-ħarifa, tax-xitwa).

7. Jekk aħna naħdmu (bl-għaġla, waħedna, flimkien) ix-xogħol isir aħjar.

8. L-Internet, il-kompjuter u l-mowbajl huma kollha mezzi ta' (komunikazzjoni, sport, trasport).

9. Tradizzjonijiet huma drawwiet li kienu jsiru fil-(futur, passat, preżent) u li għadhom isiru sal-lum.

10. (Peniżola, Pajjiż, Gżira) hi biċċa art imdawra bil-baħar minn kullimkien.

( 10 marki )

B. <u>**Qabbel kolonna A ma' kolonna B billi tikteb in-numru fil-kaxxa. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**</u>

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| 1 | Valangi | | Nixfa kbira minħabba nuqqas ta' ilma. |
| 2 | Uragan | | Terremot fil-baħar jista' jikkaġuna dan. |
| 3 | Ħamla | | Maltempata b'xita qawwija u riħ qawwi li toriġina mill-parti ekwitorjali. |
| 4 | Tromba | | Qatgħa ta' silġ jew tajn. |
| **5** | **Għargħar** | | Riħ qawwi jobrom fuq il-baħar. |
| 6 | Nixfa | | Lembut mis-sema għal isfel li jerfa' u jġorr dak li jsib fi triqtu. |
| 7 | Tsunami | | L-ilma tal-wied li jkaxkar il-ħamrija u kull ma jsib. |
| 8 | Ċikluni | **5** | **L-uċuħ tar-raba' mifqugħin bl-ilma** |

( 7 marki )

**Ċ. Ikteb erba' affarijiet li ssib f'dawn il-postijiet.**

**Ħares lejn l-eżempju.**

| | Deżert sħun | Deżert kiesaħ | Komuni |
|---|---|---|---|
| Eż | ġemel | likeni | nuqqas ta' ilma |
| 1 | | | |
| 2 | | | |
| 3 | | | |
| 4 | | | |

( 12-il marka)

**D. X'użu għandhom dawn l-istrumenti ?**



**Eż Kumpass - jurina d-direzzjoni.**

1. Pluvjometru- ___________________________________
2. Anemometru-__________________________________
3. Pinnur- ________________________________________
4. Barometru-____________________________________
5. Termometru- __________________________________

( 5 marki)

**E. It-temp ivarja skont l-istaġuni. Aqra d-data li hemm fis-silta sewwa. Wara imla l-vojt biex tkompli dan ir-rapport tat-temp.**



**Agħżel minn dawn:**

| | |
|---|---|
| 30 grad celcius | 10 gradi celcius |
| 2 | 10 |
| Sabiħ u xemxi | Imsaħħab b'xi ħalbiet tax-xita. |
| Moderat mit-tramuntana | 12mm |

**Kompli dan ir-rapport tat-temp:**

Fil-15 ta' Novembru t-temp kien ________________________

b'temperatura ta'__________________. Minn riħ qawwi dar għal

______________________________. Ix-xita tkejlet

_____________. L-indiċi tal-U V kien ta' _____________.



( 5 marki)

**F. Wara kull sentenza ikteb hux VERU jew FALZ:**

| **Eż** | **Kull bniedem huwa maħluq biex jgħix ma' bniedem ieħor.** | **VERU** |
|---|---|---|
| 1. | Solidarjeta' hija meta nagħtu kas ta' dawk in-nies batuti madwarna u ngħinuhom. | |
| 2. | L-ubbidjenza mingħajr ma tgerger lejn il-ġenituri u l-awtorita' hija forma ta' rispett. | |
| 3. | Meta ma ngħidux il-verita' nkunu onesti. | |
| 4. | Bniedem egoist huwa dak li jaħseb biss fih innifsu. | |
| 5. | Dritt huwa xi ħaġa li għandi nagħmel jien. | |
| 6. | Dmir huwa xi ħaġa li nistenna jien minn ħaddieħor. | |
| 7. | Imġiba negattiva hija meta nġibu l-ġlied u firda fil-grupp. | |
| 8. | Fil-kampanja m'għandniex narmu żibel. | |
| 9. | Għandna nilagħbu f'toroq traffikużi. | |
| 10. | Persuna li tħobb tiċċajta u tidħak ngħidu li għandha sens ta' umoriżmu. | |

( 10 marki )

**Ġ. Agħżel mill-kliem mogħti:**



| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Inkwetat | muġugħ | ferħana | imdejjaq | irrabjata | maħsud | **eċitat** |

**Eż** Iz-ziju Victor kien ġej mis-safar u n-neputi Joe kien qed iħossu **eċitat.**

1. Waqt logħba futbol Ġorġ żelaq u weġġa' idu. Ġorġ ħassu______________.
2. Marija rċeviet rigali vera sbieħ għal għeluq sninha. Marija ħassitha_____________.
3. Toni kellu kelb għal qalbu. Iżda dan il-kelb marad u miet. Toni ħassu ______________.
4. Rina ġġieldet mal-ħabiba tagħha għax ħaditilha l-pupa. Hi ħassitha ____________.
5. Ġużeppi bi żball kisser il-važun li kien fis-salott tad-dar. Hu kien______________.
6. Meta waslu d-dar Peter u l-familja sabu kullimkien imqalleb u misruq. Peter ħassu _______________.

( 6 marki )

**G.** Ikteb **5 sentenzi** dwar kif l-imġiba tiegħek taffettwa lil nies oħra fl-iskola, fid-dar u fil-lokalita' tiegħek.



______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________

______________________________________________________________________

______________________________________________

( 10 marki )

**GĦ. It-turiżmu huwa importanti ħafna għal pajjiżna.**



1. Agħti raġuni waħda għaliex it-turiżmu huwa importanti għal Malta.

______________________________________________

_____________________________________

( 2 marki )

2. Semmi ħaġa li tista' tbiegħed lit-turisti minn Malta.

______________________________________________

_____________________________________

( 2 marki )

3. Mat-turisti għandna nġibu ruħna dejjem bil-kortesija.
Semmi mod wieħed kif nistgħu nużaw il-kortesija mat-turisti.

______________________________________________

_____________________________________

( 2 marki )

4. Semmi 2 tradizzjonijiet Maltin li jintgħoġbu mat-turisti.

______________________________________________

_____________________________________

( 4 marki )

**H.** Immarka **bis-sinjal (✓)** liema minn dawn huma korretti għal-lingwa tagħna u **(X)** li mhumiex korretti.



| **eż** | **Bil-lingwa tagħna nixtru prodotti mill-Italja** | **X** |
|---|---|---|
| 1 | Il-lingwa tagħna trebbaħna l-midalji fil-logħob Olimpiku. | |
| 2 | Hija mezz biex niktbu u naqraw. | |
| 3 | Bil-lingwa nikkomunikaw bejnietna. | |
| 4 | Il-lingwa hija karatteristika ewlenija tal-identita' tagħna bħala Poplu u Nazzjon. | |
| 5 | It-turisti Ġermaniżi jużaw il-lingwa bħala mezz ta' komunikazzjoni. | |
| 6 | Nużaw il-lingwa fil-qasam tax-xandir fil-gżejjer tagħna. | |
| 7 | Il-gwida tat-turisti jikkomunika mat-turisti bil-Malti. | |
| 8 | L-Innu Malti nkantawh bil-lingwa Maltija. | |
| 9 | Il-lingwa Maltija hija waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. | |
| 10 | Il-lingwa tagħna hija dik Semitika. | |

( 10 marki )

**I. Agħżel WAĦDA minn dawn.**

**1.** Kull bniedem li jgħix f'soċjeta' għandu d-drittijiet u d-dmirijiet tiegħu. Ikteb **ĦAMES** sentenzi dwar id-drittijiet u d-dmirijiet tagħna t-tfal fl-iskola, id-dar u f'postijiet oħra fir-raħal fejn noqogħdu.

**2.** X'inhuma dawk l-affarijiet li lilna jagħmluna Maltin? Kif jagħrfu n-nies tad-dinja li aħna Maltin? Ikteb **ĦAMES** sentenzi dwar x'inhuma dawk il-karatteristiċi li jagħmluna Maltin.

**3.** Ikteb **ĦAMES** sentenzi dwar l-effetti estremi tat-temp fuq l-ambjent u l-bniedem.

(15-il marka)

**TMIEM**